# IL-HOLQIEN TAX-XOGHOL
# U
# SOLIDARJETÀ

DOKUMENT IMHEJJI MILL-GWU

OTTUBRU 2004

# Ix-Xoghol: Id-dritt ta’ kull haddiem

“Ix-xoghol jaghti d-dinjità lill-bniedem u l-hidma ta’ kull Gvern g handha timmira li jinholqu l-impjiegi. Irid ikun hemm ippjanar serju u strategija miftehma biex l-impjiegi jinholqu u jkunu sostnuti”

***Twemmin*** tal-GWU – Id-Disa’ Kapitlu

## 1. L-iskop tad-Dokument

L-ghan ta' dan id-dokument huwa li jigbor il-hsibijiet, l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-GWU dwar il-qaghda ekonomika prezenti, kif diga' imfissra fl-ewwel proposti mressqa minnha ghall-Holqien tax-Xoghol u Solidarjeta', meta giet imnedija l-kampanja tal-GWU *www.bidritt.com*. Dawn il-proposti qed jigu evalwati u spjegati b'mod li l-lingwagg uzat, waqt li jkun miftiehem minn kulhadd, ikun jirrifletti l-hsibijiet u l-kuncetti relatati kif qeghdin jizviluppaw u jigu diskussi fl-Unjoni Ewropea u fora internazzjonali ohra..

Il-GWU tishaq fuq il-fatt li dan il-mod gdid ta' hsieb u tfittxija ghas-soluzzjonijiet iridu jkunu studjati u evalwati bir-reqqa, imma tinsisti fuq l-applikazzjoni taghhom fejn u meta dawn jinstabu li huma relevanti ghas-sitwazzjoni lokali. Ghalhekk il-kontenut gie mfassal b'mod li jkun konciz u li jmur fuq ras il-ghajn. Ghax fic-cirkostanzi attwali, l-iktar importanti huwa l-implimentazzjoni tal-proposti.

Ta' min jinnota wkoll li minkejja l-izviluppi fil-hsieb u l-ideat espressi, fundamentalment il-kuncetti u s-soluzzjonijiet bazici ma nbidlux, kif mistqarr fid-dokument tal-GWU "TWEMMIN".[1]

Il-htiega ta' dan id-dokument hija mnebbha wkoll mir-Rizoluzzjoni li kienet approvata fil-Konferenza Nazzjonali tal-GWU li kienet saret f'Ottubru 2003, liema rizoluzzjoni kienet tghid hekk:

"Konxja mir-realtajiet godda f'pajjizna, din il-Konferenza tesprimi t-thassib serju taghha ghas-sitwazzjoni prezenti u dik previdibbli fl-oqsma tal-impjiegi, tal-beneficcji socjali, s-servizzi tas-sahha u l-pensjonijiet, kif ukoll tal-qagdda kritika fil-finanzi u l-ekonomija tal-pajjiz.

Fil-waqt li tirriafferma l-hidma li qed taghmel il-GWU permezz tal-Kunsill Nazzjonali, tal-Amministrazzjoni Centrali, s-Segretarji tat-Taqsimiet flimkien, tinkoraggixxi lill-GWU biex:

- tibqa' tissalvagwardja primarjament l-interessi tal-haddiema u l-pensjonanti u l-familji taghhom f'dawn iz-zminijiet difficli
- tibqa' taghti l-wens mehtieg biex dawk li jifilhu lanqas ma jibqghux igorru pizijiet li ma jifilhux bil-mizuri li jistghu jkunu mposti mill-gvern
- timmobilizza lill-membri taghha u tiehu dawk il-pozizzjonijiet li jidhrilha huma xierqa biex verament jitharsu l-impjiegi, s-servizzi socjali inkluz il-pensjonijiet u s-servizzi tas-sahha
- tifrex il-hidma taghha ma' kull min huwa verament lest li jghin biex jinstabu s-soluzzjonijiet fl-interess veru tal-haddiema u ta' pajjizna minghajr ma jkunu mhedda l-impjiegi, l-gustizzja socjali, l-livell ta' ghixien u l-kwalita' tal-hajja.

[1] GWU 2001, Twemmin tal-General Workers Union, Dokument ta' Policies tal-GWU

Tinnota li minn naha tal-Gvern mhu qed isir ebda sforz biex il-pizijiet li qieghed igorr u se jkompli jgorr il-Poplu Malti fiz-zmien li gej, ikunu mill-inqas. Tinnota wkoll li esponenti tal-istess Gvern qeghdin jaghmlu stqarrijiet pubblici li jikkonfermaw it-thassib tal-GWU ghall-fatt li minn naha, se jkunu l-haddiema z-zghar u l-familji taghhom li se jkollhom jerfghu l-pizijiet u l-effetti tal-mizuri li se jiehu l-gvern, u min-naha l-ohra se jkunu zarmati l-kisbiet socjali bhalma huma s-servizzi socjali, s-servizzi tas-sahha, l-pensjonijiet u t-tkattir fl-impjiegi.

Fl-istess waqt din il-Konferenza tistenna illi l-Gvern jimpenja ruhu bis-serjeta' biex:

- Jinholqu dawk l-istrutturi necessarji biex ikun attirat investiment gdid f'pajjizna
- Jitkattru l-opportunitajiet ta' impjiegi godda
- Ikunu konsolidati u jsir titjib fis-servizzi socjali
- Ma jibqax isir tberbieq fin-nefqa pubblika
- Ikunu utilizzati bl-ahhar mod ir-rizorsi umani fis-settur pubbliku
- Isiru kontrolli effettivi fuq l-evazjoni tat-taxxa

Dan id-dokument ihares l-ewwel net b'mod razzjonali lejn l-espansjoni tal-ekonomija, u maghha il-qaghda tal-impjiegi u mbaghad jezamina dawk il-policy issues kollha li wiehed jassocja ma' dan is-suggett – il-generazzjoni ta' xoghol ghal kulhadd. Huwa importanti li dan is-suggett jigi trattat b'mod integrali, sabiex tohrog strategija logika bi prioritajiet cari.

Id-dokument mhux biss jevalwa dawn is-suggetti izda wkoll iressaq rakkomandazzjonijiet.

## 2. It-Tkabbir Ekonomiku

It-tkabbir ekonomiku huwa mixtieq ghal zewg ragunijiet principali. L-ewwel, ghaliex johloq l-impjiegi godda. It-tieni, ghaliex huwa l-mezz li bih jista' joghla l-livell tal-ghixien tal-Maltin.

Fil-kuntest ta' Malta bhala membru gdid tal-Unjoni Ewropea huwa importanti mhux biss li jkollna tkabbir ekonomiku sodisfacenti, izda li r-rata ta' tkabbir tizboq il-medja tal-pajjizi membri sinjuri tal-Unjoni. Dan sabiex jirnexxilna nilhqu wiehed mill-ghanjiet ewlenin tal-Unjoni – dik tal-Konvergenza. Min jikkuntenta biss bir-rata medja ta' tkabbir ekonomiku annwali tal-Unjoni jkun qieghed itawwal dan iz-zmien ta' meta Malta ghall-inqas tilhaq il-livell medju ekonomiku Ewropew ghall-ghexieren ta' snin fil-futur.

Hemm zewg modi principali kif tista' tespandi l-ekonomija:

- Bi tkabbir sal-potenzjal - jew billi titkabbar id-domanda halli b'hekk jista' jigi utilizzat il-potenzjal kollu taghha,

- Bi tkabbir tal-potenzjal - jew billi jkun imkabbar il-potenzjal stess tal-ekonomija.

***Tkabbir sal-Potenzjal***

Id-domanda tista' toghla permezz ta' konsum pubbliku u privat akbar; permezz ta' zieda fl-infieq kapitali, jew permezz ta' domanda akbar minn barra ghall-prodotti li jigu esportati, jew servizzi li jinghataw lill-barranin (bhat-turizmu). Malta, li ghandha ekonomija zghira u miftuha, ma tiflahx izzomm deficit pubbliku ghal perjodi twal ta' zmien bhala mezz kif tkabbar id-domanda, minghajr naturalment ma tidhol fi problemi kbar fuq hlas ta' imghax, hlas lura tad-dejn, u problemi ohra. Anke t-tkabbir tal-konsum privat ghandu jikber biss kemm-il darba jikber id-dhul u mhux permezz tat-tnaqqis fit-tfaddil. Ghaldaqstant bhala politika generali, fil-kaz ta' Malta, it-tkabbir fid-domanda ghhndu primarjament ikun rizultat ta' zieda fl-esportazzjoni u fl-infieq tat-turizmu.

Huwa minnu illi is-sitwazzjoni ekonomika f'Malta tigi determinata hafna mill-ambjent ekonomiku internazzjonali, ghar-raguni li din taffetwa d-domanda esterna li semmejna hawn fuq. Huwa wkoll stat ta' fatt li sew jekk is-sitwazzjoni tkun favorevoli u kemm jekk ma tkunx, Malta ma tista' taghmel xejn biex tbiddel dan. Pajjizna ghalhekk ghandu jikkoncentra ir-rizorsi tieghu fuq fatturi li hu ghandu kontroll fuqhom u li xorta jistghu jaffetwaw id-domanda esterna ghall-manufattura u s-servizzi.

Fill-fatt is-sitwazzjoni internazzjonali mhix l-unika fattur li jaffetwa d-domanda ghall-esportazzjoni taghna. Fattur importanti iehor huwa l-prezz.

Il-prezz estern ghall-manifattura u servizzi li pajjizna jesporta jigi kkwotat f'munita barranija. Ghalhekk dan il-prezz huwa maghmul minn zewg elementi, wiehed minnhom huwa il-prezz lokali f'munita maltija.

Dan jirrifletti l-ispejjez lokali li huma determinati mill-gholi tal-hajja fil-pajjiz. L-element l-iehor huwa l-valur tal-lira maltija mqabbla ma' muniti barranin. Iktar ma' jkunu gholjin dawn iz-zewg elementi tal-prezz inqas il-prezz estern ikun kompetitiv meta mqabbel ma' prezz simili tal-kompetituri taghna. Fl-imghoddi, kull meta waqa dan il-prezz, bhal f'nofs is-sebghinijiet u l-ahhar tat-tmeninijiet, irnexxielna nirbhu l-kompetitivita' u b'hekk irrizultat zieda sinifikanti fl-esportazzjoni u l-impjiegi. Kien hemm drabi ohra fil-passat fejn dan il-prezz ghola, bhal fil-bidu tat-tmeninijiet, u ir-rizultat kien telf ta' kompetitivita', tnaqqis drastiku fl-esportazzjoni u fit-turizmu, b'rizultat ta' telf ta' produzzjoni u impjiegi.

L-indikatur li jurina jekk pajjizna huwiex jitlef jew jirbah din il-komptitivita' tal-prezz hija Real Effective Exchange Rate (REER). Fil-fatt, jekk wiehed ihares lejn dan l-indikatur isib illi kompetitivita' ta' pajjizna bdiet tonqos u baqghet tonqos mill-1995 sal-lum.

X'kienu l-fatturi li wasslu biex l-REER jkompli joghla dawn l-ahhar snin? Huwa importanti li nkunu nafu x'kienu l-fatturi li kkagunaw li nkunu inqas kompettitivi u iktar ghaljin minn pajjizi kompetituri taghna. Kemm qed ikollha impatt t-tmexxija tar-rata tal-kambju tal-lira maltija; iz-ziedet fil-hlasijiet ghal servizzi moghtija minn azjendi pubblici; kif ukoll iz-zidiet fil-prezzijiet imhabbra fil-budget mill-gvern?

Bhala Union, il-GWU tasal biex tifhem lil min jistenna li z-zidiet fil-pagi m'ghandhomx jeccedu r-rata tal-inflazzjoni flimkien mar-rata nazzjonali tat-tkabbir fil-produttivita'. B'danakollu, l-GWU temmen illi z-zidiet fil-pagi jistghu jinzammu f'livell accettabbli kemm-il darba l-inflazzjoni, kif ukoll fatturi ohra, jinzammu ukoll f'livell accettabbli. Barra minn hekk, l-ispejjez ghall-industrija huma relattivament iktar gholjin minn pajjizi ohra l-iktar minhabba l-pizijiet kbar imposti mill-Gvern fuq is-settur produttiv tal-ekonomija.

Il-GWU temmen illi l-politika ekonomika ta' pajjizna ghandu jkollha l-ghan li l-espansjoni taghha tkun wahda li mhix inflazzjonarja u dan jista' jsir permezz ta' programm konkret, b'miri specifici u li jkun segwit rettament, liema programm iwassal ghal gwadann f'dik li hija kompetittivita'.

Jekk inhallu l-ekonomija topera taht il-livell tal-potenzjal taghha ghal numru ta' snin, inkunu qeghdin nahlu r-rizorsi, inraqqdu l-kapital u l-aghar ma nutilizzawx ir-rizors uman cioe' noholqu d-dizimpjieg.

### *Tkabbir Tal-Potenzjal*

Il-potenzjal innifsu jista' fil-fatt jikber kemm-il darba il-fatturi ekonomici ta' produzzjoni jigifieri rizorsi sew naturali, kapitali, u umani, jikbru fil-volum u l-kwalita'.

Apparti mill-immigrazzjoni, il-provista ta' haddiema tista' tikber sostanzjalment f'dawk il-pajjizi fejn il-partecipazzjoni tal-haddiema hija relattivament baxxa. Malta taqa' f'din il-kategorija. Minhabba li tradizzjonalment inhkimna mill-biza' li r-ragel jitlef l-impjieg, l-pressjonijiet mill-htigijiet socjali ma nkoraggewx iz-zieda fir-rata ta' partecipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xoghol.

F'dawn l-ahhar snin, rajna wkoll tnaqqis fir-rata ta' partecipazzjoni ta' dawk l-irgiel 'il fuq minn hamsin sena minhabba l-politika li adotta l-Gvern li jew jghaddihom board' lil persuni fic-Civil anke meta d-dispozizzjoni medika taghhom kienet dubjuza, jew inkella jinkoragixxi l-irtirar kmieni mix-xoghol biex inaqqas il-haddiema minn entitajiet pubblici. Dawn iz-zewg fatturi kienu principalment il-kawza ghalfejn il-partecipazzjoni tal-haddiema hija baxxa meta mqabbla ma' pajjizi ohra sew fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra.

Mod importanti kif il-potenzjal tal-haddiema jissahhah iktar milli jitwessa' huwa permezz tal-Edukazzjoni u Tahrig Vokazzjonali. Studji ekonomici urew b'mod konvincenti li t-tkabbir ekonomiku jista' jinkiseb bhala rizultat ta' investiment fl-edukazzjoni primarja, sekondarja u terzjarja, life-long learning, tahrig fuq il-post tax-xoghol u programmi ohra ta' retraining. Qieghed kull ma jmur jidher li l-livell ta' edukazzjoni f'pajjizna mhuwiex tajjeb daqs kemm konna nahsbu. Dan tixhdu l-istatistika li qed tohrog l-Unjoni Ewropea tal-pajjizi membri godda inkluzi Malta.

Fattur iehor ta' produzzjoni li jista' jkabbar il-potenzjal tal-ekonomija huwa l-kapital addizzjonali jigifieri l-investiment. Dan jiggustifika l-insistenza tal-GWU mal-Gvern biex jiehu inizjattivi halli jattira investiment gdid barrani u biex jezamina r-ragunijiet ghaliex dan ma sarx fuq l-livelli mixtieqa. Meta naraw x'qed jigri f'ekonomiji ohra li qed jizviluppaw bhat-Tunizija kif ukoll f'pajjizi li bhalna ghadhom kemm issiehbu jew se jissiehbu fl-Unjoni Ewropeja bhas-Slovenja u l-Ungerija, Malta m'ghandhiex record daqstant tajjeb. Ghaliex dan ir-rizultat medjokri fil-kaz taghna?

Minbarra l-investiment barrani, irridu naghtu harsa iktar mill-qrib billi nezaminaw in-numru u l-kwalita' tan-negozji li qed jitwaqqfu. Irridu naraw ukoll ghalfejn n-numru taz-zghazagh li jhallu l-iskola u li jridu jmorru fin-negozju huwa daqstant baxx komparat mal-medja ta' pajjizi fl-Unjoni Ewropea.

M'hemmx dubju li rridu nsibu r-ragunijiet ghalfejn m'ahniex nattiraw investiment barrani u x'inhu jiskoragixxi milli jinfethu negozji godda. B'mod partikolari rridu naraw ghalfejn Malta hija nieqsa minn kultura intraprenditorjali iktar milli sempliciment kummercjali.

***Rakkomandazzjonijiet***

1. Ghandu jsir studju mmedjat biex ikun stabbilit ghaliex Malta tilfet il-kompetitivita' tal-prezz sew fil-Manufattura u sew fit-Turizmu. Ikun stabbilit preciz ir-rwol tal-lira Maltija inkluz ic-caqlieq fil-Baskett tal-Muniti li tigi ikkwotatha l-Lira, l-effett taz-zieda ta' hlasijiet lill-azjendi tal-gvern inkluzi l-awtoritajiet regolatorji, u l-effett taz-zieda fit-taxxi.

2. Il-Gvern huwa mistenni li johrog bi programm konkret ta' espansjoni ekonomika mhux inflazzjonarja, b'miri specifici u li jkun segwit rettament, liema programm ghandu jwassal biex tizdied ir-rata tat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiz u fl-istess hin titrazzan ir-rata tal-inflazzjoni. L-iskop ewlieni ta' dan il-programm, sew bhala ftehim nazzjonali maqbul mal-imsiehba socjali jew mod iehor, ghandu jkun li jizdied u jitkattar ix-xoghol.

## 3. L-Investiment

Kull investiment, sew jekk huwa mmirat li jipproduci ghas-suq lokali u sew barrani huwa validu, ghaliex kull investiment johloq ix-xoghol. Pero' minhabba li l-ekonomija Maltija hija ekonomija miftuha hafna, b'valuri ta' importazzjoni gholja, l-investiment barrani f'Malta ghandu jibqa' jzomm l-importanza li jisthoqqlu.

Huwa fatt li dan l-investiment, ghajr dak li kien jezisti diga u kiber maz-zmien, ixxotta ghall-kollox. Fil-waqt li pajjizi fi stat ta' zvilupp bhal Malta, specjalment, dawk tal-Ewropa ta' Lvant, kif ukoll stati girien fl-Afrika ta' Fuq, qed jirnexxilhom jattiraw kumpaniji internazzjonali kbar u ta' fama, Malta qisha m'ghadhiex fuq il-mappa ghal dawn l-investituri.

Ir-ragunijiet ghaliex investiment barrani ma jigix f'pajjizna mhumiex semplici. Hafna jwahhlu fin-nuqqas t'incentivi fiskali, ohrajn isemmu il-livell tal-pagi f'pajjizna. Dan ghaliex jaraw pajjizi ohra, kultant girien, li juru vantaggi f'dak li huma taxxa tal-kumpaniji aktar baxxa, jew livell ta' pagi ferm ferm aktar baxxi minn taghna.

Jekk naraw lejn x'hiex iharrsu ir-Rating Agencies bhal FitchIbca, Moody u Standard and Poor, biex ixebbhu pajjiz ma iehor fejn jidhol l-attrazzjoni ghall-investiment barrani nsibu fatturi li Malta ghadha ma tathomx l-importanza mehtiega, ghax nahsbuhom mhux relevanti. Fost dawn il-fatturi nsibu:

a. L-istabilita' politika

b. L-istabilita' ekonomika

c. Il-livell ta' burokrazija

d. Il-livell ta' korruzzjoni

e. Ir-rata ta' tkabbir tal-GDP.

Ghalkemm wiehed jistenna li, kif narawh ahna, f'pajjizna dawn il-fatturi m'humiex ta' xkiel, fil-fatt meta nharsu lejn statistika komparativa insibu li Malta mhux dejjem tigi minn ta' quddiem. Fil-fatt f'dik li hi stabbilita ekonomika, id-deficits kbar fuq il-kummerc barrani u dawk fiskali, kif ukoll il-livell ta' dejn pubbliku, u r-rata baxxa ta' tkabbir ekonomiku, flimkien huma nfushom ma jpoggux lil Malta fi klassi ta' pajjizi li qed imexxu l-ekonomija taghhom bil-ghaqal.

Skond il-US Heritage Foundation/Wall Street Journal Index of Economic Freedom (2003)[2], Malta tigi l-37 post, ferm wara Cipru (14 post), il-Litwanja(22 post), Latvja (30 post) u ir-Repubblika Ceka (32 post), jew l-Estonja li tigi quddiem nett fis-sitt post. Dan jigi spjegat fil-kaz ta' Malta minhabba l-piz ezistenti tat-taxxi, l-indhil tal-Gvern u l-livell ta' investiment barrani.

[2] US Heritage, 2004 Index of Economic Freedom, Washington DC

L-istess ghal livell ta' trasparenza li n-negozju privat u l-intraprizi pubblici jimxu bih, ma jpoggix lil pajjizna fil-klassi tal-ewwel biex jattiraw l-investiment barrani. Niehdu biss il-kontroversji u l-kawzi gudizzjarji serji li nqalghu fil-kuntest tal-ghoti ta' tenders mill-Gvern, fejn pajjizi ewlenin Ewropej kienu milquta. L-istess ghall-protesti serji ta' bosta drabi, minn pajjizi ohra Ewropej u anke Amerikani fil-kuntest tal-process ta' Privatizazzjoni.

Minn naha tal-industrija sew tal-manifattura u dik tas-Servizzi, inkluz it-Turizmu, hemm bzonn sforz biex jigu applikati principji li qed jiddahhlu f'pajjizi li jridu li jkollhom zvilupp razzjonali u trasparenti. Dawn il-principji qed jithaddmu minn azjendi internazzjonali li huma fuq quddiem. U qed jirnexxielhom jaghmlu dan permezz ta' gwidi u thaddim ta' politika ta':

- Governabbilita' Korporali Tajba (Good Corporate Governance)
- Responabilta' Socjali tal-Kumpaniji (Corporate Social Responsibility)
- Zvilupp Sostenibbli (Sustainable Development)

Ghalkemm huma hafna li jitkellmu dwarhom, ftit huma dawk f'pajjizna li dahhluhom fil-prattika. Jekk veru lil pajjizna rridulu l-gid hemm bzonn li dawn il-gwidi jigu mharsa idealment volontarjament mill-mexxejja tal-industrija Maltija. Il-Gvern ghandu jibqa' jirregola jekk jara li l-investiment f'pajjizna qed ibati minhabba li dawn il-principji ta' tmexxija moderna, trasparenti u li tirrispetta l-ambjent u lis-socjeta' ta' madwarna, mhux qed jigu segwiti.

Fil-kaz ta' dik li qed insejjhu burokrazja zejda il-problema hija aktar komplessa ghax tiddependi minn firxa akbar ta' entitajiet governattivi. Huwa importanti li niddistingwu minn dak li jinftiehem normalment minn burokrazija zejda jew 'red tape' u l-inefficjenza fis-settur tac-Civil fl-operat tieghu. Li s-settur pubbliku jmexxi l-affarijiet tieghu b'efficjenza akbar jibqa' dejjem importanti ghax jgholli ukoll il-produttivita' u l-konsumatur imur ghall-ahjar.

Hawnhekk pero' qed nirreferu ghal fenomenu gdid fejn il-ligijiet u r-regolamenti tal-pajjiz qed jitressqu minn entitajiet jew awtoritajiet imwaqqfa apposta. Dawn inghataw awtonomija kif jisthoqqilhom, izda jidher li m'hemmx gwidi ta' kif imexxu, ta' kontabilita', u ta' trasparenza. B'hekk qed jigri li tant qed jizdiedu l-ligijiet u r-regolamenti, u l-penali fuq dawn ir-regolamenti li mhux qed tinghata attenzjoni bizzejjed fuq l-impatt hazin u ristrettiv fuq in-negozju, l-intraprenditorjat, u fuq l-investiment, li fl-ahhar isarraf f'telf kbir ta' impiegi bla bzonn.

Il-GWU xebat tisma' stejjer ta' investituri lokali u barranin li qatghu qalbhom li jinvestu minhabba l-ostakli burokratici l-iktar tar-regolaturi. Il-MEPA ma hix l-unika regolatur f'pajjizna. Kull istituzzjoni u entrapriza pubblika, kull dipartiment tal-Gvern u kull entita' li ghandha l-fakulta' li tohrog regolamenti ghandha taqa' taht in-nomenklatura ta' regolatur u ghalhekk taghti rendikont ta' ghemilha.

Dan gara f'pajjizi ohra bhal l-Ingilterra, New Zealand, l-Awstralja fejn il-kultura ta' tmexxija tixbah lil taghna. Izda hadu passi fil-pront, biex ir-regolaturi jaghrfu jimxu. Malta wkoll wasal iz-zmien li titwaqqaf gwida sistematika li l-ebda ligijiet u regolamenti ma jinhargu qabel ma jkunu stabbiliti r-riperkusjonijiet taghhom.

Jista' jkun ukoll li f'Malta indahhlu l-kuncett tas-"sunset clauses" meta jitfasslu r-regolamenti godda. Dan ifisser li regolament gdid ghandu jkollu marbut mieghu data ghall-meta jiskadi, biex b'hekk ma jibqax in vigore barra minn zmienu.

Huwa mistenni li l-Malta Enterprise ghandha ttejjeb l–operat taghha sabiex jkollha effett pozittiv. L-ideja ta' one-stop-shop ghall-investitur ghandha tinghata priorita'. Barra minn hekk ghandu jkun hemm sinkronizzazzjoni fil-hidma li tkun qed tippromovi l-Malta Enterprise u l-istituzzjonijiet edukattivi u dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-impjiegi bhal Korporazzjoni tat-Tahrig u x-Xoghol u l-Kullegg Malti tax-Xjenza u Teknologija. Dan ghandu jassigura pjan ta' konvergenza li jhares fit-tul u li jassigura li l-isforzi u r-rizorsi kollha jkunu qed jimmiraw fl-istess direzzjoni.

L-istess jista' jinghad ghall- Ambaxxati Maltin barra minn Malta. Hemm bzonn li dawn jutilizzaw ir-rizorsi taghhom ahjar fejn tidhol il-promozzjoni ta' pajjizna ghall-investiment barrani. L-Ambaxxati ghandhom jaraw li jitmexxew fuq linji moderni fejn bhalma l-Gvern fil-pajjiz jiehu inizzjattivi biex johloq il-klima necessarja ghall-investiment, hekk ukoll huma ghandhom jiehdu inizzjattivi li jghinu biex ikun attirat investiment gdid lejn pajjizna.

Fuq kollox, jekk l-indikaturi li semmejna hawn fuq ma jitbiddlux, jkun ferm difficli li jigi attirat l-investiment barrani.

### *Rakkomandazzjonijiet*

3. Ghandha titwaqqaf Task Force specifika fl-ufficcju tal-Prim Ministru. Kull legislazzjoni u regolamenti li jolqtu l-attivita' ekonomika ghandha tirraporta lil din it-Task Force qabel ma jithabbru r-regolamenti jew qabel ma jixxandar l-Abbozz, fil-kaz ta' ligi. Il-promotur tal-attivita' ekonomika ghandu jaghti l-provi quddiem it-Task Force illi:
    - jkun ikkonsulta mal-partijiet milquta mir-regolamenti, inkluz l-Imsiehba Socjali
    - li mhemmx mod iehor (barra bir-regolamenti) kif jista' jintlahaq ir-rizultat mixtieq
    - li r-regolamenti gew ikkunsidrati fl-isfond tal-effett taghhom fuq il-kompetitivita' tal-pajjiz,
    - li l-beneficcji huma akbar mill-konsegwenzi negattivi
    - li r-restrizzjonijiet tar-regolamenti mhumiex aktar minn dak li hu necessarju fl-interess tas-socjeta'.
    - It-Task Force ghandha tirraporta dwar kemm dawn l-istudji ta' impatti gew maghmulin kif indikati, u x'kien l-ezitu taghhom.

4. Ghandha ssir riforma tal-operat tal-Gvern fuq kif jinghataw it-Tenders li tissodisfa lill-poplu Malti izda fuq kollox lill-pajjizi barranin, inkluz dawk membri tal-Unjoni Ewopea.

5. L-industrija Maltija timplimenta prattici ta' tmexxija moderna li jirrispettaw it-Trasparenza, il-Kuxjenza Socjali u t-Tharis tal-Ambjent. Preferibilment dawn il-prattici ghandhom jigu implimentati volontarjament.

## 4. Il-Holqien tal-Impjiegi

Ghal hafna nies ir-responsabilta' tal-holqien tax-xoghol ghandha tithalla f'idejn il-forzi tas-suq. L-iktar li wiehed jistenna imbaghad huwa li l-Gvern itejjeb l-kundizzjonijiet ghall-investiment halli sussegwentement ikun generat ix-xoghol. Kif gie spjegat hawn fuq, Il-GWU temmen bi shih fuq il-htiega tal-investiment fl-ekonomija. B'danakollu, il-GWU thoss illi l-holqien tax-xoghol u l-generazzjoni tal-impjiegi jinhtiegu sforz koncertat fuq diversi fronti ohrajn. Hija hasra illi hafna drabi certu aspetti tal-politika tal-Gvern minnha nfisha tohnoq il-holqien tax-xoghol.

Fl-imghoddi l-GWU ibbazat il-pozizzjonijiet taghha dwar il-qaghda tax-xoghol skond ir-rata ufficcjali ta' dawk li jirregistraw ghax-xoghol. Anke llum minkejja n-nuqqasijiet kollha li jista' jkun fih, dan ir-registru ta' kull xahar ghandu jservi ta' barometru importanti dwar il-qaghda tal-ekonomija fil-kamp tax-xoghol. M'hemmx dubju, illi r-rata ta' qghad kurrenti, fil-kuntest tal-bidliet li qed isehhu fid-dinja tax-xoghol, tnissel certu incertezza u ggieghel lil min jithasseb.

Minkejja dan izda, l-avvanzi li saru fl-istatistika u l-mod gdid kif jissawwar il-hsieb ekonomiku qed jirnexxielhom jghinu lill-Unions u l-*policy makers* biex jiffukaw fuq *issue* iktar wiesa', cioe' bbazata fuq zewg indikaturi li illum huma mitqiesa bhala l-iktar importanti u relevanti.

Fuq naha insibu r-rata ta' participazzjoni ta' persuni li jifilhu jahdmu (jigifieri fl-eta' ta' bejn is-sittax u l-hamsa u sittin sena) li huma fil-labour force. Din ir-rata tal-impjiegi tkun evalwata ahjar meta titqies ir-rata ta' partecipazzjoni fis-suq tax-xoghol skond il-gendru u l-eta'. Meta nqabblu ma' pajjizi ohra tal-UE, ir-rata ta' impjiegi f'Malta hija baxxa hafna kemm ghan-nisa, kif ukoll ghall-irgiel li huma fl-eta' ta' bejn il-50 u 64 sena.

Minn naha l-ohra insibu ir-rata ta' dawk il-persuni li meta jigu mistoqsijin permezz tal-Labour Force Survey jekk iridux jahdmu, jwiegbu iva anke jekk dawn ma jkunux qed jirregistraw. Mhux l-ewwel darba li r-rata tal-qghad imkejla mir-registru jibqa' l-istess filwaqt li n-numru ta' impjiegi jonqos u l-persuni li jisfghu bla xoghol jizdied. Dan jigri ghaliex persuni bla xoghol isiru tant skoraggiti li mhux ser isibu xoghol, illi jispiccaw ma jindenjawx ruhhom jirregistraw.

Irridu niftakru li illum gie ppruvat li meta l-impjiegi jonqsu u l-qghad jikber izjed jkun qed jikber ir-riskju ta' faqar u l-eskluzjoni socjali, suggett li nitrattaw aktar 'l quddiem. Barra minn hekk skemi tas-sahha u tal-pensjonijiet isibu rwiehom jserrhu fuq numru inqas ta' kontributuri, b'rizultat li dawn l-iskemi ma jibqghux sostenibbli.

Dan ifisser li l-politika dwar l-impjiegi ghandha titfassal mhux biss fuq ir-registru tan-nies qeghda imma wkoll ta' dawk il-persuni kollha bla xoghol u li jixtiequ jahdmu, sew jekk jirregistraw, sew jekk le.

Biex wiehed jifhem il-hidma iebsa li rridu nwettqu fil-qasam tax-xoghol bizzejjed ihares lejn l-ghan li stabilixxiet l-UE li tilhaq ir-rata ta' partecipazzjoni ta' 70% fis-sena 2010. Skond id-data kurrenti il-htigijiet ta' Malta huma tali li anke jekk tinkludi dawk il-haddiema li jqisu bhala impjieg principali taghhom, l-impjieg part-time u nghodduhom bhala fully employed, Malta tkun tinhtieg iktar minn 30,000 impjieg gdid milli tista' tipprovdi llum. B]alissa r-rata ta' parte`ipazzjoni fl-impjieg f'Malta hija ta' qabel ta' l-a]]ar fost il-pajji\i membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

Il-mentalita' tal-passat kienet li thares lejn x-xoghol bhala 'pool' limitat ta' postijiet, hafna drabi mal-gvern. Kienet mentalita' li tiskoragixxi lil min hu dghajjef fis-socjeta' – in-nisa, l-anzjani, persuni b'dizabilita' milli jiehdu post dawk iktar b'sahhithom minnhom. Dan irid jinbidel ghal kollox. L-ekonomija, meta titmexxa bil-ghaqal ghandha tipprovdi xoghol ghal kullhadd. Ix-xoghol huwa l-ahjar mod kif tevita' l-eskluzjoni socjali u l-faqar f'pajjizna. Hadd ma ghandu jigi eskluz. Anzi persuni dghajjfa ghandhom jigu mghejjuna biex jinstabilhom xoghol addattat ghalihom.

Min-naha l-ohra ghandha tigi ristrutturata kull skema ta' taxxa u ta' servizzi socjali b'mod li ghalkemm ma jonqosx il-livell ta' beneficcju, ma tkunx maghmula b'mod li tiskoragixxi xi persuni li jaccettaw ix-xoghol. Dan jista' jkun qed jigri meta persuna titlef il-beneficcji socjali kollha hekk kif issib ix-xoghol. F'dan ir-rigward il-Gvern hu mitlub li jippublika ir-rizultati tal-istudju ta' ricerka iffinanzjat mill-UE bil-ghan li kellu janalizza l-effetti negattivi fis-sistema ta' tassazzjoni u beneficcji socjali fuq l-incentivi ghax-xoghol. Sallum il-konkluzjonijiet u r-rakkomandazzjoni-jiet ta' dan l-istudju ma gewx pubblikati.

Il-Gvern irid jibda jaghti attenzjoni u prijorita' akbar ghall-kwalita' ahjar fil-postijiet godda tax-xoghol. Jekk nittraskuraw dan l-element tbati hafna il-produttivita' ghall-futur. Postijiet tax-xoghol f'azjendi ta' kwalita' baxxa, mhux biss ma jhallsux tajjeb, u ghalhekk ma jghollux kif mixtieq il-livell tal-kwalita' tal-hajja tal-pajjiz, izda huma postijiet l-iktar vulnerabbli ghar-riskju tal-qghad. Fl-istess hin il-haddiema f'dawn l-azjendi ghandhom stima baxxa tax-xoghol li qed jaghmlu. Hemm provi cari fl-Unjoni Ewropea li xoghol b'kundizzjonijiet tajba jwassal ghall-partecipazzjoni oghla fil-labour force.

Min-naha l-ohra hemm bzonn li t-targets biex in-numru ta' school leavers bis-sengha jew bi skola post-sekondarja jizdied sew, jintlahqu. Dan biex ikun hemm numru bizzejjed ta' haddiema kwalifikati biex ilahhaq mat-talba ta' dan it-tip ta' xoghol gdid li nixtiequ li jinholoq. Prezentament ir-rata ta' kull sena ta' school leavers Maltin li ma jkollhomx edukazzjoni post-sekondarja gholja hija tliet darbiet dik tal-medja tal-Unjoni Ewropea, u hija l-oghola anke meta mqabbla ma' dawk tal-pajjizi membri godda fl-Unjoni.

Jekk dan ser ikun it-target veru ghall-pajjizna, jigifieri li ntellghu sostanzjalment in-numru ta' impjiegi permezz ta' zieda sinifikanti fir-rata ta' partecipazzjoni fil-labour force sew tan-nisa kif ukoll tal-irgiel, allura jkollna inbiddlu l-istrategija tal-passat. F'dal-kuntest irridu naraw kif inhaddmu sinergija bejn is-sistema edukattiva taghna u l-politika industrijali ta' pajjizna.

L-Unjoni Ewropea permezz tal-fondi taghha, l-iktar il-European Social Fund, matul dan l-ahhar snin irnexxielha tifhem sew kif jahdmu is-sinergiji li jistghu jezistu bejn ix-xoghol u dawn l-ghexieren ta' fatturi li wiehed jassocja max-xoghol. Hafna minn dan l-analizi xjentifiku jigi rrapurtat kull sena fir-rapport annwali tal-Kummissjoni fuq ix-xoghol.

Huwa ta' dizappunt kbir li wiehed isib li sew fir-rapport tal-2002 u 2003, "Employment in Europe" Malta ghal hafna drabi hi l-unika pajjiz li jithalla barra minn dan l-analizi siewi, ghas-semplici raguni li d-data minn Malta ma tkunx sottomessa lill-Eurostat fil-hin.[3] Ghal din ir-raguni Malta qed titlef opportunita' li tifhem il-problema taghha u titghallem minn dan l-analizi komparattivi bejn il-pajjizi membri l-ohrajn kollha.

***Rakkomandazzjonijiet***

6) Hemm bzonn li nevitaw ghal kollox l-irtirar bla bzonn mill-*labour force*. Ta' min jinnota li l-Gvern ma ghamel l-ebda *targets* fir-rigward li jgholli ir-rata relattivament baxxa ta' partecipazzjoni ghal dawk 'il fuq minn 55 sena, bhalma ghamel fil-kaz tal- partcipazzjoni tan-nisa.

7) Bhala l-ikbar employer, il-Gvern ghandu jbiddel l-iskemi ta' irtirar kmieni, fi skemi ohra li jiskoragixxu l-irtirar bla bzonn mill-*labour force*.

8) Ghal kull min jisfa bla xoghol minhabba r-ristrutturazzjoni li ghaddejja b'effett tal-globalizazzjoni, ghandu jinghata is-support kollu, u r-*retraining* mehtieg biex jibqa' fil-*labour force* u jsib ix-xoghol malajr. Dan ghandu jsir mhux bil-paroli izda bil-fatti, bi skemi imwaqqfa apposta. Dan il-perjodu ta' 'slowdown' ekonomiku, il-Gvern ghandu juzah biex itejjeb il-bazi tar-rizorsi umani tal-pajjiz u mhux biex icekkinha.

9) Fl-istess hin jidher li wasal iz-zmien li tinbidel il-policy dwar l-irtirar. Dan ghandu jsir mhux billi tillegizla eta' oghla mill-passat ghal kullhadd, izda billi taghmilha possibli li jithallew f'posthom lil dawk kollha li ghax b'sahhithom, volontarjament iridu jkomplu jahdmu wara li jaghlqu is-sittin/wiehed u sittin.

10) Irid ikun hemm mezzi li bihom ikun hemm rikonciljazzjoni ahjar bejn l-impjieg u r-responsabilta' tal-familja, sew ghall-irgiel kif ukoll ghan-nisa.

11) Ghal persuna li tbati b'dizabilita' u tixtieq tahdem irid ikun hemm programm apposta li jghin sew lilha kif ukoll lill-azjenda li tixtieq timpjegaha.

---

[3] EU Commission DG Employment and Social Affairs, 2003, Employment in Europe 2002 Recent Trends
EU Commission DG Employment and Social Affairs, 2004, Employment in Europe 2003 Recent Trends

12) Ghandha tinghata attenzjoni ikbar ghall-kreazzjoni ta' xoghol f'setturi li jippromettu u li joffru xoghol b'kundizzjonijiet tajba, ghaliex huma dawn li jghollu l-kwalita' tal-hajja u ghandhom inqas riskju li jitfarrku meta jigi l-ghawg. L-incentivi ghandhom jiffukaw fuq il-provediment ta' xoghol gdid ghall-futur u mhux tal-passat.

13) Ghandha tizdied sew ir-rata ta' *school leavers* li jkunu literati u bis-sengha. Ghal dan l-iskop il-Gvern ghandu jaghmel programm biex juri kif dawn it-targets ser jintlahqu.

## 5. L-Inkluzjoni Socjali u x-Xoghol

Il-GWU dejjem sahhqet li fil-waqt li l-holqien tax-xoghol huwa l-ahjar tarka kontra it-theddida tas-sensji u tal-qghad, iridu jittiehu mizuri konkreti biex itaffu il-tbatija ta' dawk il-haddiema u l-familji taghhom affetwati minn nuqqas ta' xoghol.

Dan il-hsieb huwa rifless fl-agenda ta' Lisbona tal-Unjoni Ewropeja fejn sussegwentement fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza gew stabbiliti erba' oggettivi specifici biex jikkumbattu il-faqar u l-eskluzjoni socjali, fosthom il-partecipazzjoni fix-xoghol u l-ghajnuna lil min hu l-iktar vulnerabbli. Kull Gvern hu liberu li jinterpreta dawn l-oggettivi skond il-bzonn u ic-cirkostanzi tal-pajjiz. Fil-kaz ta' Malta insibu li fil-Pjan Nazzjonali t'Azzjoni kontra l-Faqar, filwaqt li l-Gvern zamm ma' dawn il-prijoritajiet, u fisser il-problemi ezistenti, ma ssettjax *targets* kwantitativi f'kull kaz.[4]

Il-GWU thoss li hu nuqqas da parti tal-Gvern illi ma trabatx li jwettaq targets kwantitativi fil- kaz ta' dawk li qed jisfaw bla xoghol minhabba r-ristrutturizzazzjoni. Anke fir-rigward ta' familji li jsofru l-faqar id-dokument jorbot dan ma' familji li huma assocjati mal-vjolenza domestika, u ma jaghmel l-ebda *target* fir-rigward ta' familji ohra fil-bzonn.

F'Lisbona, fi Stokkolma u Nizza fil-Kunsill Ewropew, l-istati membri wehdu li filwaqt li jippromovu tkabbir ekonomiku sostenibli u holqien ta' xoghol produttiv tal-oghla kwalita', ghandhom inaqqsu ir-riskju tal-faqar u tal-eskluzjoni socjali, kif ukoll isahhu il-koezjoni socjali fl-Unjoni Ewropea bejn 2001 u 2010. Irridu ghalhekk nifhmu x'qieghed iwieghed il-Gvern permezz tal-Pjan Nazzjonali t'Azzjoni kontra l-Faqar u l-Eskluzjoni Socjali **(NAPincl)**, kif ukoll fil-Pjan Nazzjonali t''Azzjoni ghall-Impjiegi, ***(NAPempl)***[5] minn din is-sena sas-sena 2010.

Fil-kaz ta' NAPincl il-Gvern qieghed jipproponi li r-rata ta' partecipazzjoni tan-nisa fil-labour force tizdied bi 12-il punt percentwali, biex tilhaq 54 fil-mija fis-sena 2010; filwaqt li NAPempl qieghed jipproponi li l-istess rata tizdied biss b'7 punti percentwali ghal 40.7 fil-mija fis-sena 2010. Ma huwiex spjegat ghaliex din id-diskrepanza bejn iz-zewg dokumenti ssottomessi mill-Gvern f'dan ir-rigward.

---

[4] Malta government 2004, National Action Plan for Social Inclusion (NAPincl)

[5] Malta Government 2004 National Action Plan for Employment (NAPempl) draft for consultation

Fil-kaz ta' haddiema irgiel id-dokument NAPincl ma jaghmilx target, fil-waqt li in-NAPempl jaghmel target ghan-nisa u l-irgiel (minn 55 sena 'l fuq) flimkien u jipproponi zieda ta' 2.4 punti percentwali sas-sena 2010. Ma jissemmiex kemm ir-rata ta' partecipazzjoni tal-irgiel 'il fuq minn 55 sena hija mistennija li titla'. Dwar ir-rata globali ta' partecipazzjoni in-NAP empl qed jiprogetta zieda ta' 2.4 punti percentwali biex twassal ghal 56.7 fil-mija fis-sena 2010. B'dan it-target huwa ghalhekk mistenni li Malta tibqa' b'rata fost l-aktar baxxa fl-Unjoni kollha.

***Rakkomandazzjonijiet***

14) Il-prijoritajiet tal-Gvern fir-rigward tax-xoghol u fir-rigward tal-faqar u l-eskluzzjoni socjali hekk kif qed ikunu elenkati f'zewg dokumenti rispettivament NAPincl u NAPempl ghandhom ikunu konsistenti ma' xulxin, kif ukoll ikunu espressi f'targets kwantitativi biex b'hekk titnehha kull ambigwita' f'dan ir-rigward. Hemm bzonn ghalhekk li l-istatistika ta' dawn iz-zewg dokumenti tkun aktar ampja u idejalment bhal fil-kaz ta' pajjizi ohra jigu ppublikati f'Annex f'volum separat.

15) It-targets ghandhom ikunu realistici izda fl-istess hin ambizzjuzi. Li tippjana li sas-sena 2010 Malta tibqa' bl-icken pecentagg ta' persuni li jippartecipaw fil-labour force ma jaghmilx kuragg ghall-ebda operatur fl-ekonomja Maltija u l-anqas lill-hadd mill-Imsiehba Socjali.

# Gabra ta' Rakkomandazzjonijiet

## TKABBIR EKONOMIKU

- Ghandu jsir studju mmedjat biex ikun stabbilit ghaliex Malta tilfet il-kompetitivita' tal-prezz sew fil-Manufattura u sew fit-Turizmu. Ikun stabbilit preciz ir-rwol tal-lira Maltija inkluz ic-caqlieq fil-Baskett tal-Muniti li tigi ikkwotatha l-Lira, l-effett taz-zieda ta' hlasijiet lill-azjendi tal-gvern inkluzi l-awtoritajiet regolatorji, u l-effett taz-zieda fit-taxxi.

- Il-Gvern huwa mistenni li johrog bi programm konkret ta' espansjoni ekonomika mhux inflazzjonarja, b'miri specifici u li jkun segwit rettament, liema programm ghandu jwassal biex tizdied ir-rata tat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiz u fl-istess hin titrazzan ir-rata tal-inflazzjoni. L-iskop ewlieni ta' dan il-programm, sew bhala ftehim nazzjonali maqbul mal-imsiehba socjali jew mod iehor, ghandu jkun li jizdied u jitkattar ix-xoghol.

## L-INVESTIMENT

- Ghandha titwaqqaf Task Force specifika fl-ufficcju tal-Prim Ministru. Kull legislazzjoni u regolamenti li jolqtu l-attivita' ekonomika ghandha tirraporta lil din it-Task Force qabel ma jithabbru r-regolamenti jew qabel ma jixxandar l-Abbozz, fil-kaz ta' ligi. Il-promotur tal-attivita' ekonomika ghandu jaghti l-provi quddiem it-Task Force illi:

- jkun ikkonsulta mal-partijiet milquta mir-regolamenti, inkluz l-imsiehba socjali.
- li m'hemmx mod iehor (barra bir-regolamenti) kif jista' jintlahaq ir-rizultat mixtieq
- li r-regolamenti gew ikkunsidrati fl-isfond tal-effett taghhom fuq il-kompetitivita' tal-pajjiz,

- li l-beneficcji huma akbar mill-konsegwenzi negattivi
- li r-restrizzjonijiet tar-regolamenti mhumiex aktar minn dak li hu necessarju fl-interess tas-socjeta'.
- It-Task Force ghandha tirraporta dwar kemm dawn l-istudji ta' impatti gew maghmulin kif indikati, u x'kien l-ezitu taghhom.

- Ghandha ssir riforma tal-operat tal-Gvern fuq kif jinghataw it-Tenders li tissodisfa lill-poplu Malti izda fuq kollox lill- pajjizi barranin, inkluz dawk membri tal-Unjoni Ewopeja.

- L-industrija Maltija timplimenta prattici ta' tmexxija moderna li jirrispettaw it-trasparenza, il-Kuxjenza socjali u t-tharis tal-ambjent. Preferebbilmrnt dawn il-prattici ghandhom jigu implimentati volontarjament.

## IL-HOLQIEN TAL-IMPJIEGI

- Hemm bzonn li nevitaw ghal kollox l-irtirar bla bzonn mill-*labour force*. Ta' min jinnota li l-Gvern ma ghamel l-ebda *targets* fir-rigward li jgholli ir-rata relattivament baxxa ta' partecipazzjoni ghal dawk 'il fuq minn 55 sena, bhalma ghamel fil-kaz tal- partcipazzjoni tan-nisa.

- Bhala l-ikbar employer, il-Gvern ghandu jbiddel l-iskemi ta' irtirar kmieni, fi skemi ohra li jiskoragixxu l-irtirar bla bzonn mil-***labour force***.

- Ghal kull min jisfa bla xoghol minhabba r-ristrutturazzjoni li ghaddejja b'effett tal-globalizazzjoni, ghandu jinghata is-support kollu, u r-*retraining* mehtieg biex jibqa' fil-*labour force* u jsib ix-xoghol malajr. Dan ghandu jsir mhux bil-paroli izda bil-fatti, bi skemi imwaqqfa apposta. Dan il-perjodu ta' 'slowdown' ekonomiku, il-Gvern ghandu juzah biex itejjeb il-bazi tar-rizorsi umani tal-pajjiz u mhux biex icekkinha.

- Fl-istess hin jidher li wasal iz-zmien li tinbidel il-policy dwar l-irtirar. Dan ghandu jsir mhux billi tillegizla eta' oghla mill-passat ghal kullhadd, izda billi taghmilha possibli li jithallew f'posthom lil dawk kollha li ghax b'sahhithom, volontarjament iridu jkomplu jahdmu wara li jaghlqu is-sittin/wiehed u sittin.

- Fil-kaz tan-nisa irid ikun hemm mezzi li bihom ikun hemm rikonciljazzjoni ahjar bejn l-impjieg u r-responsabilta' tal-familja sew ghall-irgiel kif ukoll ghan-nisa.

- Ghal persuna li tbati b'dizabilita' u tixtieq tahdem irid ikun hemm programm apposta li jghin sew lilha kif ukoll liil-azjenda li tixtieq timpjegaha.

- Ghandha tinghata attenzjoni ikbar ghall-kreazzjoni ta' xoghol f'setturi li jippromettu u li joffru xoghol b'kundizzjonijiet tajba, ghaliex huma dawn li jghollu l-kwalita' tal-hajja u ghandhom inqas riskju li jitfarrku meta jigi l-ghawg. L-incentivi ghandhom jiffukaw fuq il-provediment ta' xoghol gdid ghall-futur u mhux tal-passat.

- Ghandha tizdied sew ir-rata ta' *school leavers* li jkunu litterati u bis-sengha. Ghal dan l-iskop il-Gvern ghandu jaghmel programm biex juri kif dawn it-targets ser jintlahqu.

## L-INKLUZJONI SOCJALI U X-XOGHOL

- Il-prijoritajiet tal-Gvern fir-rigward tax-xoghol u fir-rigward tal-faqar u l-eskluzzjoni socjali hekk kif qed ikunu elenkati f'zewg dokumenti rispettivament NAPincl u NAPempl ghandhom ikunu konsistenti ma' xulxin, kif ukoll ikunu espressi f'targets kwantitativi biex b'hekk titnehha kull ambigwita' f'dan ir-rigward. Hemm bzonn ghalhekk li l-istatistika ta' dawn iz-zewg dokumenti tkun aktar ampja u idejalment bhal fil-kaz ta' pajjizi ohra jigu ppublikati f'Annex f'volum separat.

- It-targets ghandhom ikunu realistici izda fl-istess hin ambizzjuzi. Li tippjana li sas-sena 2010 Malta tibqa' bl-icken pecentagg ta' persuni li jippartecipaw fil-labour force ma jaghmilx kuragg ghall-ebda operatur fl-ekonomja Maltija u l-anqas lill-hadd mill-Imsiehba Socjali.

-- End –

## Fil-Kampanja taghha favur ix-xoghol il-GWU kienet ressqet l-ewwel proposti taghha fosthom :

- Mizuri konkreti sabiex tispicca l-burikrazija zejda
- Sehem mill-Uniuons permezz ta' laqghat ma' investituri prospettivi qabel ma dawn jibdew joperaw f'Malta
- Ghajnuna effettiva u mmedjata mill-Gvern lill-industrijalisti f'dak li ghandu x'jaqsam mat-tahrig tal-haddiema, ricerka u innovazzjoni
- Konsultazzjoni effettiva bejn il-Malta Enterprise, l-ETC u l-Imsiehba Socjali sabiex inhejju l-haddiema ghall-opportunitajiet godda ta' xoghol
- Twaqqif ta' Task Force biex tanalizza l-problema ta' nuqqas ta' xoghol u tirrakkomanda soluzzjonijiet ghall-holqien tal-impjiegi
- Uzu ahjar tal-ambaxxati Maltin sabiex jingieb investiment barrani